**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**Shirley Camilleri**

Illum, 4 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Shirley Camilleri, bint Anthony u Josephine nee' Sciberras, imwielda Pieta', fit-8 ta' Dicembru 1971 u residenti Ent 87, Flat 3, Triq Scraccino Inglott, Bormla, detentrici ta' karta tal-identita' 13672M.

Billi int akkuzata talli fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Novembru 2011, gewwa San Giljan:

1. Bil-hsieb li taghmel delitt urejt dan il-hseib b'atti esterni u taghjt bidu ghall-eskuzzjoni tad-delitt billi hebbejt ghal Maureen Farrugia u Vasile Cojocaru bi flixkun tal-hgieg sabiex tikkagunalhom griehi ta' natura gravi, fejn id-delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghek.

2. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Maureen Farrugia f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa.

3. Volontarjament ksirt il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. Fl-artikoli 41(a), 214, 217, 218(1)(a) u (b) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 221(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-imputata iddikjarat li m'ghandhix oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata tinsab akkuzata b'attentat ta' ferita gravissima fuq Maureen Farrugia u Vasile Cojocaru, li kkagunat ferita hafifa fuq Maureen Farrugia u bi ksur tal-paci pubblika.

Illi mil-provi prodotti jirrizulta li fil-lejl tas-Sibt 12 u 13 ta' Novembru 2011 ghall-habta tal-hamsa neqsin ghoxrin ta' filghodu l-pulizija ta' San Giljan rcevew telefonata li kienet infurmatahom li kien hemm xi nies li kellhom bzonn l-assistenza medika u li kienu qeghdin mitluqin mal-art probabilment feruti. Meta l-pulizija marru fuq il-post sabet zewg persuni maskili mal-art bid-demm hiereg minn sidirhom. Mill-investigazzjonijiet li wettqu l-pulizija rrizulta li dawn il-persuni maskili Vasile Cojokaru u George Frendo kienu gew stabbjati allegatament minn persuna maskili waqt li kellhom argument. Flimkien mal-persuni feruti kien hemm zewg tfajliet fosthom Maureen Farrugia. Dwar il-kaz tal-feriment ittiehdu proceduri fil-konfront ta' certu Joseph Buhagiar. F'din l-investigazzjoni kollha kien hemm inkluz ukoll il-griehi li garbet Maureen Farrugia li stqarret mal-pulizija li kienet ghamlithomlha mara li kienet fil-kumpanija ta' Joseph Buhagiar u b'hekk ittiehdu l-proceduri kontra l-imputata odjerna.

**L-ewwel zewgt imputazzjonijiet**

Illi inkwantu ghall-ewwel imputazzjoni ossija dik ta' attentat ta' ferita gravissima, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro (Alexander) Chetcuti**[1] fejn inghad:

"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "*Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu*

[1] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-18 ta' Settembru 2013

*f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu."* (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: *"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible."* (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid *"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply* ***in dubbio pro reo****."*

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I* (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:

"*Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non*

*soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

U ikkonkludiet: "**Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok**."

Illi kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat ta'l-offiza gravi jew gravíssima l-prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma."

Illi Maureen Farrugia xehdet[2] li fil-lejla tal-akkadut kienet telghet mal-boyfriend taghha flimkien ma' shabhom koppja Rumeni Paceville. Bejn l-erbgha u l-hamsa ta' filghodu kienu nezlin it-tarag fejn hemm il-klabb Havana u l-koppja Rumena waqfu jitkellmu ma' xi hadd u f'daqqa wahda kien hemm koppja nezlin, ragel u mara, u r-ragel qabad jaghti lill-boyfriend taghha Vasile Cojovaru. Kien hemm rassa li firdithom u bdiet tfittxu u ratu jaqla' d-daqqiet. Tixhed li mir-rassa ppruvat tghajjat li ma kien ghamel xejn hazin u marret mara fuqha u tata daqqa b'oggett tal-hgieg imkisser li kellha f'idha fuq wiccha. Hija gharfet lill-imputata bhala l-mara li tatha din id-daqqa. Tikkonferma li wegghet u tghid ukoll li ma ratx lill-imputata twegga' lil Cojocaru.

Illi Vasile Cojocaru xehed[3] li waqt li kien Paceville, l-imputata flimkien ma' ragel kienu nezlin it-tarag u l-imputata kienet se taqa'. Huwa jixhed li l-imputata kienet tidher nervuza minhabba f'hekk u li ghalkemm huma kienu fin-nofs izda mhux b'tali mod li jikkawzaw xi problema. Ighid li l-imputata qabdet xi hgieg minn mal-art u marret fid-direzzjoni ta' wicc it-tfajla tieghu. huwa pprova jidhol fin-nofs u l-boyfriend tal-imputata intervjena u Cojocaru ferut. ighid li kienet l-imputata li bdiet l-incident u li sofriet griehi fuq wiccha – 'she did get cut in the face'. ighid li l-imputata laqtitu fuq drieghu izda ma kienx tali li seta' jwegga' hafna.

Illi l-imputata min-naha taghha rrilaxxat stqarrija fejn cahdet li kienet Paceville u li kienet fil-kumpanija ta' Joseph Buhagiar u cahdet ukoll li feriet lil xi tfajla.

Illi minn dawn il-provi prodotti din il-Qorti jidhrilha li ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputata kellu l-intenzjoni specifika li tikkaguna offiza gravi jew gravíssima fuq il-persuna ta' Vasile Cojacaru u Maureen Farrugia. Jinghad li mil-provi mressqa lanqas irrizulta b'mod car biex giet ikkagunata l-ferita ta' Farrugia.

Illi inkwantu ghat-tieni imputazzjoni jinghad li x-xhieda li xehdu taw versjoni differenti ta' kif beda l-incident izda dan il-kunflitt fil-

---

[2] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2012

[3] seduta tal-31 ta' Ottubru 2012

versjonijiet m'ghandux iwassal ghal-liberatorja. Infatti mil-provi prodotti jirrizulta li Maureen Farrugia giet feruta fuq wiccha hekk kif jirrizulta mic-certifikat ezebit u li gie kkonfermat ukoll bil-gurament. Kemm Maureen Farrugia kif ukoll Vasile Cojacaru gharfu lill-imputata bhala l-persuna li kkagunat il-ferita. Inoltre' Gerald Manfre' kkonferma l-presenza tal-imputata fuq il-post anki jekk hija tichad kategorikament.

**Ksur tal-bon-ordni**

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika l-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza mohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija versus Maria Concetta Green**[4]:

*'L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm eghmil volontarjuli minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.*

*L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.'*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament u tal-provi prodotti l-Qorti ssib lill-imputata hatja tat-tielet imputazzjoni wkoll.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta.

---

[4] Volum LXXXIII Part IV paġina 441

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberaha, wara li rat l-artikoli 221(1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja ta-tieni u tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda torbot lill-hati b'garanzija personali taghha nnifisha ghaf-favur ta' Maureen Farrugia taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena millum sabiex izzomm il-kwiet maghha.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat